

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad — Varna (Il-Bulgarija) fis-7 ta' Frar 2012 — Galin Kostov vs Direktor na Direktsia “Obzhavane i upravlenie na izpalnenieto” — grad Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite

(Kawża C-62/12)

(2012/C 118/21)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

## Qorti tar-rinvju

Administrativen sad — Varna

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Galin Kostov

Konvenut: Direktor na Direktsia “Obzhavane i upravlenie na izpalnenieto” — grad Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite (direttur tad-direttorat “Appell u ġestjoni tal-infurzar” għall-belt ta’ Varna, li huwa qrib l-amministrazzjoni ċentrali tal-Āġenzija nazzjonali tat-taxxa)

## Domanda preliminari

Persuna fīzika rreġistrata għall-VAT minħabba l-aktivitajiet tagħha bħala uffiċjal eżekuttiv li hija teżerċita privatament għandha tiġi kkunsidrata bħala persuna taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112<sup>(1)</sup> u hija obbligata tħallas il-VAT skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112 fir-rigward ta’ provvista ta’ servizz okkażjonali, li sseħħi fin-nuqqas ta’ rabta mal-aktivitajiet tagħha bħala uffiċjal eżekuttiv?

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, p. 1

għal Regolament tal-Kunsill li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjoni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea u l-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom<sup>(1)</sup>;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni Ewropea tressaq żewġ ilmenti li jikkonċernaw l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-ewwel ilment jikkonċerna r-rifjut tal-Kunsill li jadotta l-aġġustament tar-remunerazzjoni u tal-pensjoni u tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal l-oħra, kif propost mill-Kummissjoni fl-24 ta' Novembru 2011, bi ksur tal-metodu li jirregola dan l-aġġustament matul il-perijodu ta’ tmien snin li jiskadi fil-31 ta’ Diċembru 2012. B'dan l-ilment, il-Kummissjoni Ewropea tinvoka motiv prinċipali, li joħroġ minn użu ħażin tal-poter u minn ksur tal-limiti ta’ kompetenza tal-Kunsill, u wkoll motiv sussidjarju, ibbaż fuq ksur tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-motiv prinċipali jikkonċerna l-fatt li, fir-realtà, il-Kunsill applika l-Artikolu 10 huwa stess, iżda bi ksur tal-kundizzjonijiet istituzzjonali meħtieġa; il-Kunsill kiser b'hekk, minn naħħa, l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal u, minn-ħa l-oħra, l-Artikoli 3 u 10 tal-Anness XI. Permezz tal-motiv sussidjarju, il-Kummissjoni tiddikjara li, fi kwalunkwe ipoteżi, ir-rekiżiżti sostantivi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10 ma kinux sodisfatti fl-2011, kif jirriżulta wkoll minn żewġ rapporti ekonomiċi li ppreżentat lill-Kunsill fuq talba ta’ dan tal-aħħar. Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li l-Kunsill naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħi b'mod korrett.

It-tieni lment jikkonċerna ċ-ċaħda tal-Kunsill li jaddatta l-koeffiċjenti korrettivi, li għandhom jaffettwaw dawn ir-remunerazzjoni u l-pensjoni, skont id-diversi postijiet tax-xogħol jew ta’ residenza tal-persuni kkonċernati. Skont l-ewwel motiv f'dan l-ilment, din iċ-ċaħda tikser l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll l-Artikoli 1 u 3 tal-Anness XI tal-istess Regolamenti. Permezz tat-tieni motiv, il-Kummissjoni tiddikjara kif din iċ-ċaħda hija nieqsa minn kull motivazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 296(2) TFUE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 341, p. 54.

## Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Frar 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-63/12)

(2012/C 118/22)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, J.-P. Keppenne u D. Martin, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/866/UE, tad-19 ta’ Diċembru 2011, li tikkonċerna l-proposta tal-Kummissjoni

## Rikors ippreżentat fid-9 ta’ Frar 2012 — Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-66/12)

(2012/C 118/23)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u J. Herrmann, aġenti)